MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1318/2002

**Techniplast Limited.**

**-vs-**

**Raymond Mangion.**

**M.B. Sell System Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fil-21 ta’ Novembru 2002, li fiha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta’ konvenuta M.B. Sell System Limited tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ disgha w erbghin

elf, seba’ mija u zewg Liri Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm49,702.67), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ manifattura u konsenja ta’ plastic bottles u plastic containers ezegwiti mill-istess socjeta’ attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju ta’ l-istess socjeta’ konvenuta;

Illi, fost il-hlasijiet effettwati mis-socjeta’ konvenuta, saru pagamenti illi gew offruti mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici akkont ta’ l-istess debitu, permezz ta’ cekkijiet mahruga fi zminijiet differenti taht il-firma tal-konvenut Raymond Mangion, bhala direttur tal-istess socjeta’ konvenuta; liema cekkijiet izda baqaw ma gewx onorati mill-bank;

Illi sew l-ordnijiet maghmula mis-socjeta’ konvenuta u kif wkoll ic-cekkijiet li nhargu bhala parti mill-hlas ghall-prezz ta’ l-imsemmija merkanzija, saru lkoll mill-persuna tal-konvenut Raymond Mangion fil-kwalita’ tieghu ta’ direttur tal-kumapnija konvenuta M.B. Sell System Limited – f’ cirkostanzi fejn l-istess konvenut kien f’ posizzjoni li jkun jaf dwar l-istat finanzjarju tal-kumpanija konvenuta u tal-fatt illi l-istess kumpanija konvenuta ma setghetx tonora l-obbligi li dahlet ghalihom mas-socjeta’ attrici, naxxenti mill-ordnijiet li saru minn zmien ghal zmien ghall-konsenja tal-merkanzija;

Illi ghalhekk bl-agir doluz tieghu, il-konvenut Raymond Mangion irrenda ruhu responsabbli, *in solidum* mas-socjeta’ konvenuta, ghall-hlas tas-somma dovuta lis-socjeta’ attrici, kif hawn fuq spjegat.

Illi nonostante interpellati, anke permezz ta’ ittra legali mibghuta fil-5 ta’ Lulju, 2002, il-konvenuti baqghu inadempjenti fil-hlas tad-debitu dovut minnhom minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, anke jekk l-istess konvenuti ppromettew pagament lis-socjeta’ attrici diversi drabi.

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara illi, bl-agir doluz tieghu kifq hawn fuq spjegat, il-konvenut Raymond Mangion irrenda ruhu responsabbli, *in solidum* mas-socjeta' konvenuta, ghall-hlas tad-debitu dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc tal-prezz ta' maifattura u konsenja ta' *plastic bottles* u *plastic containers* ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejnithom, jew lil min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' disgha w erbghin elf, seba' mija u zewg liri Maltin u sebgha u sittin centezmi (Lm49,702.67), rappresentanti l-bilanc tal-prezz ta' manifattura u konsenja ta' *plastic bottles* u *plastic containers* ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tal-5 ta' Lulju, 2002 kif wkoll tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali b' effett mid-data ta' kull invoice relattiva sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xhieda tas-socjeta' attrici.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fic-Citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-Citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fic-Citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------